2023/2683

1.12.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2683

tat-30 ta' Novembru 2023

li tistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu, tal-verifika u tar-rapportar tad-*data* dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 13(4), it-tielet subparagrafu, tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tistabbilixxi miri għall-kontenut minimu tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness ta' dik id-Direttiva, inkluż il-fliexken tal-PET. Skont id-Direttiva (UE) 2019/904, il-mira għall-2025 hi tal-anqas 25% plastik riċiklat għall-fliexken tal-PET, ikkalkolat bħala medja għall-fliexken tal-PET kollha mqegħdin fis-suq fit-territorju tal-Istat Membru, u l-mira għall-2030 hi tal-anqas 30% plastik riċiklat għall-fliexken tax-xorb, ikkalkulat bħala medja għall-fliexken tax-xorb kollha mqegħdin fis-suq fit-territorju tal-Istat Membru. Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ta' dawk il-miri tal-kontenut tal-plastik riċiklat u l-format li bih l-Istati Membri jridu jirrapportaw id-data dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tal-PET u fil-fliexken tax-xorb kull sena.

(2) Għall-finijiet tal-kalkolu u l-verifika tal-miri tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, jenħtieġ li t-tikketti u l-koperturi jitqiesu bħala partijiet mill-fliexken tax-xorb. L-ewwel nett, flixkun tax-xorb, fil-format li bih jinbiegħ b'mod komuni lill-konsumaturi, jikkonsisti mill-qafas tiegħu, it-tapp, l-għatu, u minn tikketta jew kopertura. It-tikketti u l-koperturi jintużaw biex titwassal l-informazzjoni lill-konsumaturi inkluż għal skopijiet ta' mmarkar u ta' reklamar. Filwaqt li l-koperturi ġeneralment ikunu jilħqu d-dawra kollha tal-flixkun, it-tikketti l-oħra normalment ikunu jkopru biss parti iżgħar tal-flixkun. It-tieni, it-tikketti u l-koperturi spiss jitwaħħlu mal-flixkun fl-istess stadju tal-produzzjoni bħat-tappijiet u l-għotjien. Għalhekk, jenħtieġ li l-piż tat-tikketti u l-koperturi jiġi inkluż fil-piż tal-fliexken tax-xorb, u kull plastik riċiklat li jkun hemm fit-tikketti u l-koperturi għandu jiġi inkluż fil-piż tal-plastik riċiklat tal-fliexken tax-xorb. Il-Parti F tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 tispeċifika li l-fliexken tax-xorb jinkludu t-tappijiet u l-għotjien. B'kuntrast għat-tappijiet u l-għotjien, it-tikketti u l-koperturi spiss ma jintremewx separatament mill-qafas tal-fliexken, u din hi r-raġuni għalfejn ma jissemmewx b'mod espliċitu bħala element tal-flixkun fid-Direttiva (UE) 2019/904.

(3) Il-miri tal-kontenut minimu tal-plastik riċiklat stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/904 jingħataw bħala persentaġġ tal-fliexken tal-PET u tal-fliexken tax-xorb kollha mqegħdin fis-swieq tal-Istati Membri. Billi l-objettiv tal-miri, skont il-premessa 17 ta' dik id-Direttiva, hu li jippromwovu l-użu fis-suq tal-plastik riċiklat, bl-għan aħħari li jkun żgurat l-użu ċirkolari tal-plastik, jixraq li meta jiġu stabbiliti r-regoli għall-kalkolu u l-verifika tal-kontenut tal-plastik riċiklat, jitqiesu biss il-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb. L-unika parti ta' flixkun komuni tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss li tista' ma tkunx magħmula mill-plastik mistennija tkun it-tikketta tiegħu, li jaf tkun tal-karta. Billi l-piż tat-tikketta hu stmat li ma jkunx aktar minn 5% tal-piż tal-flixkun, l-esklużjoni ta' partijiet mhux tal-plastik tal-fliexken tax-xorb mill-kalkolu ma tħalli l-ebda impatt sinifikanti fuq il-valutazzjoni ta' jekk il-miri ntlaħqux.

([1]) ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

(4) Għall-fini tal-kalkolu u l-verifika tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u r-rapportar dwaru, jenħtieġ li jiġi definit it-terminu "plastik riċiklat". Il-plastik riċiklat jenħtieġ li jinkludi biss il-materjal li kien skart tal-plastik ta' wara l-konsum qabel ma jidħol fir-riċiklaġġ għax diġà hemm biżżejjed inċentivi tas-suq għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik ta' qabel l-użu mill-konsumatur. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2019/904 għandha l-għan li tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, u l-iskart tal-plastik ta' qabel l-użu mill-konsumatur normalment ma jiġix rilaxxat fl-ambjent. L-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur jeħtieġ li jinftiehem bħala l-iskart iġġenerat mill-prodotti tal-plastik imqegħdin fis-suq. Għalhekk, l-iskart tal-plastik li jirriżulta mill-imballaġġ tal-plastik tal-prodotti mqegħdin fis-suq iżda li qabżu d-data tal-iskadenza tagħhom qabel ma nbiegħu lill-konsumaturi jenħtieġ li jitqies bħala skart tal-plastik ta' wara l-konsum. Għaldaqstant, il-materjali tal-plastik u l-iskart iġġenerat tul il-proċessi tal-produzzjoni jew tal-manifattura, inkluż l-ipproċessar, l-ittestjar, il-ħżin u t-trasferimenti sekondarji kollha qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq jenħtieġ li ma jitqisux bħala skart ta' wara l-użu mill-konsumatur.

(5) Skont id-Direttiva (UE) 2019/904, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tal-PET u fil-fliexken kollha tax-xorb lill-Kummissjoni biex juru li ntlaħqu l-miri tal-kontenut tal-plastik riċiklat. Filwaqt li l-kontenut riċiklat jirreferi għall-ammont tal-materjal riċiklat, il-miri huma espressi bħala persentaġġ, jiġifieri bħala l-proporzjon tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET. Biex juru li laħqu l-miri, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati jirrapportaw mhux biss il-piż totali tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET, iżda anki l-piż totali tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken infushom biex ikun jista' jiġi kkalkolat il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 ([2]) jistabbilixxi katina tar-rapportar tul il-passi konsekuttivi tal-manifattura li tinkludi r-rapportar tal-persentaġġ tal-plastik riċiklat f'kull lott tal-materjal li fih plastik riċiklat u li hu maħsub biex jiġi f'kuntatt mal-ikel. Dik il-katina tar-rapportar tobbliga lill-operaturi ekonomiċi li joperaw fl-istadji bikrija tal-katina tal-manifattura, jiġifieri r-riċiklaturi u l-konvertituri, biex jipprovdu dikjarazzjoni tal-konformità. Il-konvertituri li ma jqegħdux il-fliexken tax-xorb fis-suq u r-riċiklaturi mhumiex meħtieġa jikkalkulaw il-piż tal-plastik riċiklat f'dawk il-fliexken. Id-dikjarazzjoni tal-konformità trid tingħata lill-operaturi ekonomiċi fi stadji aktar tard tal-katina tal-manifattura, inkluż lill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-fliexken tax-xorb fis-suq. L-obbligi tar-rapportar skont ir-Regolament (UE) 2022/1616 ikopru l-partijiet kollha tal-plastik b'kontenut riċiklat tal-fliexken tax-xorb li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-fliexken tax-xorb fis-suq jistgħu jikkalkulaw il-piż tal-plastik riċiklat fi fliexken bħal dawn abbażi tal-persentaġġ tal-kontenut tal-plastik riċiklat indikat fid-dikjarazzjoni tal-konformità għal kull parti tal-fliexken. Billi l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni hu li tippermetti kalkolu u verifika uniformi tal-miri tal-kontenut riċiklat stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/904, il-kalkolu jeħtieġ li jsir b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw il-kalkolu tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb fuq id-data ġġenerata f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. Barra minn hekk, metodoloġija bħal din tnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru data mingħand l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fliexken tax-xorb fis-suq tagħhom dwar il-piż tal-partijiet tal-plastik ta' dawk il-fliexken u l-piż tal-plastik riċiklat li hemm fihom.

(7) Id-definizzjonijiet ta' "plastik" imsemmija fir-Regolament (UE) 2022/1616 u fid-Direttiva (UE) 2019/904 ivarjaw għax jirreferu għal definizzjonijiet differenti ta' "polimeru"; l-ewwel waħda hi bbażata fuq kif ġie manifatturat il-materjal filwaqt li t-tieni waħda hi bbażata fuq il-proprjetajiet strutturali attwali tiegħu. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "plastik" fid-Direttiva (UE) 2019/904 teskludi l-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament. Iżda dawn id-differenzi mhumiex rilevanti għall-fliexken tax-xorb li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904. Id-definizzjoni ta' "plastik riċiklat" fir-Regolament (UE) 2022/1616 hi differenti mid-definizzjoni introdotta f'din id-Deċiżjoni fis-sens li, teoretikament, jista' jinkludi l-plastik verġni li ġie miżjud fil-proċess tad-dekontaminazzjoni. Iżda meta jiżdied xi materjal verġni, dan jiġi rifless fl-informazzjoni mogħtija mir-riċiklaturi u jingħadda fil-katina tal-valur. Dan mhux se jgħodd għall-kontenut tal-plastik riċiklat kif definit f'din id-Deċiżjoni. Għalhekk id-differenzi fid-definizzjonijiet ta' "plastik" u ta' "plastik riċiklat" mhumiex rilevanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 tal-15 ta' Settembru 2022 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 282/2008 (ĠU L 243, 20.9.2022, p. 3).

(8) Billi l-partijiet kollha tal-fliexken tax-xorb huma materjali maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) japplika għall-fliexken tax-xorb, inkluż il-kontrolli uffiċjali tal-persentaġġ tal-plastik riċiklat li r-riċiklaturi u l-konvertituri jridu jipprovdu fid-dikjarazzjoni tal-konformità, f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu biss jintroduċu dispożizzjonijiet ta' verifika addizzjonali rigward it-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Istati Membri mill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fliexken tax-xorb fis-suq, meħtieġa b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb hu soġġett għar-Regolament (UE) 2022/1616 jew għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 ([4]), skont b'liema teknoloġija tar-riċiklaġġ jinkiseb. Skont ir-Regolament (UE) 2022/1616, l-unika teknoloġija tar-riċiklaġġ xierqa li bħalissa tista' tintuża biex jinkiseb il-plastik riċiklat għall-fliexken tax-xorb hi r-riċiklaġġ mekkaniku tal-iskart tal-PET ta' wara l-użu mill-konsumatur. Il-plastik miksub b'teknoloġiji tar-riċiklaġġ kimiċi li jkissru l-input tal-iskart f'sustanzi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 u li sussegwentement jintuża fil-manifattura ta' plastik ġdid f'konformità ma' dak ir-Regolament, ma jistax jiġi distint mill-materjal verġni. Għalhekk id-dokumentazzjoni tal-konformità maħruġa f'konformità ma' dak ir-Regolament bħalissa ma tindikax l-ammont tal-kontenut riċiklat fih. Din id-Deċiżjoni tqis biss il-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1616.

(10) Biex jitqies ukoll il-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb li ma jkunx inkiseb bir-riċiklaġġ mekkaniku tal-iskart tal-PET, il-Kummissjoni qed tippjana li tfassal emenda għal din id-Deċiżjoni biex tinkludi metodoloġija biex tikkalkola, tivverifika u tirrapporta l-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb abbażi tal-applikazzjoni ta' ċerti mudelli tal-katina tal-kustodja kif definiti fl-ISO 22095-2020 (Katina tal-kustodja — Terminoloġija u mudelli ġenerali). B'mod partikolari, it-taħlit ikkontrollat li jippermetti li jitqies ukoll il-PET mhux riċiklat mekkanikament, hu mudell possibbli tal-katina tal-kustodja. Barra minn hekk, approċċ ta' bilanċ tal-massa jista' jiġi inkluż bħala mudell ta' katina tal-kustodja ammissibbli biex jitqies ukoll il-plastik fil-fliexken li mhumiex tal-PET miksub bir-riċiklaġġ tal-materja prima.

(11) Ir-regoli għall-kalkolu u l-verifika tal-miri tal-kontenut tal-plastik riċiklat u l-format għar-rapportar tad-data u tal-informazzjoni dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat huma marbuta mill-qrib għax jirreferu għall-istess plastik riċiklat fl-istess fliexken. Biex tkun żgurata l-koerenza, ir-regoli għall-kalkolu u l-verifika tal-miri tal-kontenut, u l-format għar-rapportar tad-data u tal-informazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'att legali wieħed.

(12) Il-format għar-rapportar tad-data u l-informazzjoni jqis il-metodi tal-kejl u l-formati tar-rapportar għall-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE ([5]), li huma bbażati wkoll fuq il-piż u l-materjal.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-bażi tad-*data* skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 86, 5.4.2005, p. 6).

([6]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "skart tal-plastik ta' wara l-konsum" tfisser skart, kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE, jiġifieri plastik u li ġie ġġenerat minn prodotti tal-plastik imqegħdin fis-suq;

(2) "plastik riċiklat" tfisser plastik li kien skart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur qabel ir-riċiklaġġ kif definit fl-Artikolu 3(17) tad-Direttiva 2008/98/KE u li ġie ġġenerat bir-riċiklaġġ;

(3) "flixkun tax-xorb" tfisser flixkun tax-xorb tal-plastik li jintuża darba biss b'kapaċità sa tliet litri, inkluż it-tapp, l-għatu, it-tikketta u l-kopertura tiegħu, jekk ikun hemm, minbarra:

— il-fliexken tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmulin mill-plastik;

— il-kontenituri tax-xorb maħsuba u użati għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fl-Artikolu 2(2), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) li jkun b'forma likwida;

(4) "flixkun tal-PET" tfisser flixkun tax-xorb manifatturat minn polietilentereftalat bħala l-komponent ewlieni;

(5) "operatur ekonomiku" tfisser xi wieħed mill-operaturi li ġejjin diment li jkun iqiegħed il-fliexken tax-xorb fis-suq:

— konvertitur kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2(3), tar-Regolament (UE) 2022/1616;

— operatur ta' negozju tal-ikel kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

Artikolu 2

Metodoloġija għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb

1. Il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb għandu jiġi kkalkolat billi l-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq jiġi diviż bil-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq. Il-proporzjon li jirriżulta għandu jiġi espress bħala persentaġġ.

2. Il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tal-PET għandu jiġi kkalkolat billi l-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq jiġi diviż bil-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq. Il-proporzjon li jirriżulta għandu jiġi espress bħala persentaġġ.

3. Il-formoli tal-Anness I għandhom jintużaw biex jiġi kkalkolat il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET.

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181 29.6.2013, p. 35).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Artikolu 3

Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb

1. Il-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq għandu jiġi kkalkolat bħala l-piż totali tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb miġbura mingħand l-operaturi ekonomiċi.

2. Il-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq jista' jiġi aġġustat biex jitqiesu l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew il-movimenti lejn u minn Stati Membri oħra tal-fliexken tax-xorb billi tiġi applikata l-formola 5 tal-Anness I.

Artikolu 4

Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb

1. Il-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq għandu jiġi kkalkolat bħala l-piż totali tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb miġbura mingħand l-operaturi ekonomiċi.

2. Jekk il-piż tal-partijiet tal-plastik fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq jiġi aġġustat f'konformità mal-Artikolu 3(2), il-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb għandu jiġi aġġustat ukoll biex jitqiesu l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew il-movimenti lejn u minn Stati Membri oħra tal-fliexken tax-xorb bl-applikazzjoni tal-formola 4 tal-Anness I.

Artikolu 5

Obbligu li tingħabar id-*data* mingħand l-operaturi ekonomiċi u l-verifika tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data mingħand l-operaturi ekonomiċi dwar il-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq u dwar il-piż tal-plastik riċiklat f'dawk il-fliexken.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data miġbura dwar il-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb tkun ġiet ikkalkolata mill-operaturi ekonomiċi billi għal kull parti ta' kull flixkun, il-persentaġġ tal-kontenut tal-plastik riċiklat tiegħu jiġi multiplikat bil-piż tiegħu u jingħaddu flimkien ir-riżultati.

3. Il-persentaġġ tal-kontenut riċiklat f'parti tal-flixkun għandu jkun il-persentaġġ dikjarat fid-dikjarazzjoni tal-konformità fl-entrata 2.1.4 tal-parti B tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/1616.

4. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw id-*data* rrapportata mill-operaturi ekonomiċi abbażi tal-affidabbiltà vvalutata tad-*data*.

Artikolu 6

Ġbir u rapportar tad-*data* mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-piż tal-partijiet tal-plastik tal-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq f'konformità mal-Artikolu 3, il-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq f'konformità mal-Artikolu 4 u l-proporzjon li jirriżulta tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq f'konformità mal-Artikolu 2 kull sena.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-data msemmija fil-paragrafu 1 bil-format stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u għandhom jissottomettu rapport ta' verifika tal-kwalità kif previst fl-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/904 fir-rigward ta' dik id-data bil-format stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Tipi addizzjonali ta' riċiklaġġ

Sal-31 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb li tqis il-plastik riċiklat miksub b'tipi addizzjonali ta' riċiklaġġ kif definit fl-Artikolu 3(17) tad-Direttiva 2008/98/KE.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Formoli għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET

Il-formoli f'dan l-Anness għandhom japplikaw kemm għall-fliexken tax-xorb kif ukoll għall-fliexken tal-PET.

It-terminu "flixkun" għandu jfisser "flixkun tax-xorb" jekk il-formoli jiġu applikati għall-fliexken tax-xorb u għandu jfisser "flixkun tal-PET", jekk jiġu applikati għall-fliexken tal-PET.

Il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken imqegħdin fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jiġi kkalkolat bil-formola li ġejja:

1. $RC = R/W \times 100\ \%$

Fejn:

RC	tfisser il-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken imqegħdin fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 2
R	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken imqegħdin fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 4
W	tfisser il-piż tal-plastik użat fil-fliexken imqegħdin fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 3.

Peress li flixkun jikkonsisti mill-qafas tiegħu, tapp, għatu, tikketta u l-kopertura tiegħu, jekk ikun hemm, il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken għandu jiġi kkalkolat bil-formola li ġejja:

2. $R = R_b + R_c + R_l$

Fejn:

R_b	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-qafas tal-fliexken mqegħdin fis-suq
R_c	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tappijiet/għotjien tal-fliexken imqegħdin fis-suq
R_l	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tikketti/koperturi tal-fliexken imqegħdin fis-suq.

Peress li flixkun jikkonsisti mill-qafas tiegħu, tapp, għatu, tikketta u l-kopertura tiegħu, jekk ikun hemm, il-piż tal-plastik użat fil-fliexken għandu jiġi kkalkolat bil-formola li ġejja:

3. $W = W_b + W_c + W_l$

Fejn:

R_b	tfisser il-piż tal-plastik użat fil-qafas tal-fliexken mqegħdin fis-suq
R_c	tfisser il-piż tal-plastik użat fit-tappijiet/għotjien tal-fliexken imqegħdin fis-suq
R_l	tfisser il-piż tal-plastik użat fit-tikketti/koperturi tal-fliexken imqegħdin fis-suq.

Jekk Stat Membru jaġġusta l-piż tal-plastik użat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq f'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-piż tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq f'konformità mal-Artikolu 4(2) biex jitqiesu l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew il-movimenti lejn u minn Stati Membri oħra tal-fliexken, għandhom jintużaw il-formoli li ġejjin:

4. $R = R_MS + R_ġewwa\ minn\ SM\ oħra + R_importat - R_barra\ lejn\ SM\ oħra - R_esportat$

Fejn:

R_MS	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken manifatturati u mqegħdin fis-suq fl-istess Stat Membru
R_ġewwa	minn SM oħra tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken li jiġu trasportati minn Stati Membri oħra u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru
R_importat	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken importati, jiġifieri li jiġu trasportati lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi, u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru
R_barra	lejn SM oħra tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken trasportati lejn Stati Membri oħra wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru

R_esportat	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken esportati, jiġifieri li jiġu trasportati barra mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi, wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru.

5. W = W_MS + W_ġewwa minn SM oħra + W_importat - W_barra lejn SM oħra – W_esportat

Fejn:

W_MS	tfisser il-piż tal-plastik użat tal-fliexken manifatturati u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru
W_ġewwa	minn SM oħra tfisser il-piż tal-plastik użat fil-fliexken li jiġu trasportati minn Stati Membri oħra u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru
W_importat	tfisser il-piż tal-plastik użat fil-fliexken importati, jiġifieri li jiġu trasportati lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi, u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru
W_barra	lejn SM oħra tfisser il-piż tal-plastik użat fil-fliexken trasportati lejn Stati Membri oħra wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru
W_esportat	tfisser il-piż tal-plastik użat fil-fliexken esportati, jiġifieri li jiġu trasportati barra mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi, wara li jkunu mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru.

Peress li flixkun jikkonsisti mill-qafas tiegħu, tapp, għatu, tikketta u l-kopertura tiegħu, jekk ikun hemm, il-kwantitajiet miżjuda fil-formoli 4 u 5 għandhom jiġu kkalkolati bil-formoli li ġejjin:

6. R_x = R_x_b + R_x_c + R_x_l

Fejn:

x	trid tinbidel b'SM jew b'ġewwa minn SM oħra, jew b'importat, jew b'barra lejn SM oħra, jew b'esportat
R_x	tfisser xi waħda mill-kwantitajiet miżjuda fuq in-naħa tal-lemin tal-ekwazzjoni fil-formola 4
R_x_b	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-qafas ta' R_x
R_x_c	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tapp/għatu ta' R_x
R_x_l	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tikketta/kopertura ta' R_x.

7. W_x = W_x_b + W_x_c + W_x_l

Fejn:

x	trid tinbidel b'SM jew b'ġewwa minn SM oħra, jew b'importat, jew b'barra lejn SM oħra, jew b'esportat
W_x	tfisser xi kwantità mill-kwantitajiet miżjuda fuq in-naħa tal-lemin tal-ekwazzjoni fil-formola 5
W_x_b	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fil-qafas ta' R_x
W_x_c	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tapp/għatu ta' W_x
W_x_l	tfisser il-piż tal-plastik riċiklat użat fit-tikketta/kopertura ta' W_x.

ANNESS II

FORMAT GĦAR-RAPPORTAR TAD-*DATA*

1. **Format għar-rapportar tad-*data* kkalkulata bil-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3**

Tabella 1

Piż tal-plastik użat fil-fliexken tax-xorb u tal-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 3 (f'tunnellati)

	fliexken tal-PET (C1)	fliexken tax-xorb minbarra fliexken tal-PET (C2)	fliexken tax-xorb (C1+C2)
PAJJIŻ:			
SENA TA' REFERENZA:			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 3(1)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken manifatturati u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru (1)			
Aġġustament tal-piż tal-plastik użat fil-fliexken ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 3(2)			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken trasportati minn Stati Membri oħra u mqegħdin fis-suq (2)			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken importati u mqegħdin fis-suq (3)			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken trasportati lejn Stati Membri oħra wara li jkunu mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru (4)			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken wara li jkunu mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru (5)			
Piż tal-plastik użat fil-fliexken imqegħdin fis-suq aġġustat (6)			

Noti:
Il-kaxxi bi sfumatura skura: Ir-rapportar hu volontarju
(1) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(1). W_MS
(2) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). W_ġewwa minn SM oħra
(3) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). W_importat
(4) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). W_barra lejn SM oħra
(5) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). W_esportat
(6) Ikkalkulat skont l-Artikolu 3(2). W

Biex tintwera l-konformità mal-miri fil-punt (a) tal-Artikolu 6(5), tad-Direttiva (UE) 2019/904 u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-Artikolu 13(1), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/904, trid timtela l-kolonna 1 (C1). Biex tintwera l-konformità mal-miri fil-Artikolu 6(5), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2019/904 u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-Artikolu 13(1), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/904, iridu jimtlew il-kolonni 1 (C1) u 2 (C2) jew il-kolonni 1 (C1) u 3 (C1 + C2). Il-mili tal-kolonna li jifdal mhux obbligatorju.

2. **Format għar-rapportar tad-*data* kkalkulata bil-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 4**

Tabella 2

Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb u tal-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 4 (f'tunnellati) u l-proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat (persentaġġ)

	fliexken tal-PET (C1)	fliexken tax-xorb minbarra fliexken tal-PET (C2)	fliexken tax-xorb (C1+C2)
PAJJIŻ:			
SENA TA' REFERENZA:			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 4(1)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken manifatturati u mqegħdin fis-suq fl-Istat Membru (1)			
Aġġustament tal-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 4(2)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken trasportati minn Stati Membri oħra u mqegħdin fis-suq (2)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken importati u mqegħdin fis-suq (3)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken trasportati lejn Stati Membri oħra wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru (4)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru (5)			
Piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken imqegħdin fis-suq aġġustat (6)			
Proporzjon tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken, espress f'perċentwali (7)			

Noti:
Il-kaxxi bi sfumatura skura: Ir-rapportar hu volontarju
(1) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(1). R_MS
(2) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(2). R_ġewwa minn SM oħra
(3) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(2). R_importat
(4) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(2). R_barra lejn SM oħra
(5) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(2). R_esportat
(6) Ikkalkulat skont l-Artikolu 4(2). R
(7) Ikkalkulat skont l-Artikolu 2. RC

Biex tintwera l-konformità mal-miri fil-punt (a) tal-Artikolu 6(5), tad-Direttiva (UE) 2019/904 u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-Artikolu 13(1), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/904, trid timtela l-kolonna 1 (C1). Biex tintwera l-konformità mal-miri fil-Artikolu 6(5), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2019/904 u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-Artikolu 13(1), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/904, iridu jimtlew il-kolonni 1 (C1) u 2 (C2) jew il-kolonni 1 (C1) u 3 (C1 + C2). Il-mili tal-kolonna li jifdal mhux obbligatorju.

ANNESS III

FORMAT GĦAR-RAPPORT TAL-VERIFIKA TAL-KWALITÀ

1. **Informazzjoni Ġenerali**

1.1. Stat Membru:	
1.2. Organizzazzjoni li tippreżenta d-*data* u r-rapport tal-verifika tal-kwalità:	
1.3. Isem il-kuntatt:	
1.4. Indirizz tal-email tal-kuntatt:	
1.5. Numru tal-kuntatt:	
1.6. Sena ta' referenza:	
1.7. Data ta' konsenja/verżjoni:	
1.8. Link għall-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Istat Membru (jekk hemm)	

2. **Deskrizzjoni tal-istituzzjonijiet involuti fil-ġbir tad-*data***

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-rwol u tar-responsabbiltajiet ewlenin	Data tas-sottomissjoni tad-*data*	Perjodu taż-żmien ta' referenza	Sors tad-data (iċċara l-proporzjon relattiv tad-*data* ġenerali derivata minn kull sors u inkludi l-links għar-referenzi, għall-pubblikazzjonijiet, eċċ.)

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

3. **Deskrizzjoni tal-metodi użati**

3.1. **Deskrizzjoni tal-ambitu tal-kalkolu tal-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb kif traspost fil-liġi nazzjonali**

Deskrizzjoni tal-livell li fih tiġi kkalkolata l-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 6(5) tad-Direttiva (UE) 2019/904. Pereżempju, il-miri jistgħu jkunu rekwiżiti obbligatorji għal kull flixkun tax-xorb imqiegħed fis-suq, bħala medja għall-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq minn kull operatur ekonomiku jew bħala medja għall-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq fl-Istat Membru.

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

3.2. **Metodoloġiji għall-ġbir u l-kompilazzjoni tad-*data***

Deskrizzjoni tal-metodoloġiji applikati għall-ġbir u l-kompilazzjoni tad-*data* għall-għodod kollha użati għall-ġbir tad-*data*.

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

3.3. **Suppożizzjonijiet addizzjonali**

Deskrizzjoni ta' kull suppożizzjoni jew fattur ta' aġġustament addizzjonali li ntuża għall-kalkolu, l-approċċ użat għall-istima tagħhom u kull evidenza ta' sostenn.

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

4. **Sistema għall-verifika u għall-kontroll tad-*data***

4.1. **Verifika tad-*data* dwar il-fliexken tax-xorb u l-fliexken tal-PET**

Proċeduri tal-verifika u tal-kontroll	Applikata għad-*data* dwar il-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq (iva/le)	Applikata għad-*data* dwar fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq minbarra l-fliexken tal-PET (iva/le)	Kummenti addizzjonali, jekk rilevanti
Verifiki tal-kompletezza tad-*data*			
Kontroverifiki			
Verifiki tas-serje kronoloġika			
Verifiki tal-awditi			
Oħrajn (speċifika)			

4.2. **Verifika tad-*data* dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u tal-PET**

Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-verifika tad-*data* dwar il-kontenut tal-plastik riċiklat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET.

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

4.3. **Deskrizzjoni tal-fatturi ewlenin li jaffettwaw l-eżattezza tad-*data* rrapportata dwar il-fliexken tax-xorb u l-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq u tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq**

Fatturi potenzjali li jaffettwaw l-affidabbiltà tad-*data*	Fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq (iva/le)	Fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq minbarra fliexken tal-PET (iva/le)	Plastik riċiklat użat fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq (iva/le)	Plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb imqegħdin fis-suq minbarra fliexken tal-PET (iva/le)	Deskrizzjoni ta' kif tiġi affettwata l-eżattezza tad-*data*	Deskrizzjoni tal-metodoloġiji applikati biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tad-*data* mhux eżatta
Erruri tal-kampjunar ([1]) (eż. koeffiċjenti tal-varjazzjoni)						
Erruri tal-kopertura ([2]) (eż. regoli de minimis, kopertura reġjonali)						
Erruri fil-kejl ([3]) (eż. unità tal-kejl)						

Strumenti tat-test għall-ġbir tad-*data* ([4]) (eż. ittestjar tal-kwestjonarji)						
Erruri tal-ipproċessar ([5]) (eż. identifikazzjoni tal-erruri, korrezzjoni tal-erruri)						
Erruri tan-nonrispons ([6])						
Erruri fl-għażla tal-mudell ([7])						
Ieħor (speċifika)						

([1]) Iddeskrivi l-koeffiċjenti stmati tal-varjazzjoni u l-metodoloġiji applikati għall-istima tal-varjanza.
([2]) Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri tal-kopertura.
([3]) Iddeskrivi l-istrumenti biex jitnaqqsu r-riskji potenzjali u jiġu evitati l-erruri.
([4]) Iddeskrivi l-istrumenti u l-metodoloġiji applikati biex jiġu żgurati l-kwalità u l-istrumenti rilevanti għall-ġbir tad-*data*.
([5]) Iddeskrivi l-passi tal-ipproċessar bejn il-ġbir tad-*data* u l-produzzjoni tal-istatistika u elenka kull errur tal-ipproċessar identifikat u l-firxa tiegħu.
([6]) Iddeskrivi r-rati tan-nonrispons għall-unitajiet u l-punti għall-varjabbli ewlenin u l-metodi tal-imputazzjoni (jekk hemm).
([7]) Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri fl-għażla tal-mudell.

4.4. **Spjegazzjoni tal-ambitu u l-validità tal-istħarriġiet biex tinġabar id-*data* dwar il-fliexken tax-xorb u l-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq u l-plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb u fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq**

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

4.5. **Differenzi fid-*data* rrapportata għas-snin ta' referenza preċedenti**

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu użat għas-sena ta' referenza attwali meta mqabbel mal-metodu tal-kalkolu użat għas-snin ta' referenza preċedenti, jekk hemm (b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk għandux jiġi sinjalat waqfien fis-serje għal sena speċifika)

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

4.6. **Spjegazzjoni għad-differenza fit-tunnellaġġ**

Din it-taqsima trid timtela jekk id-*data* rrapportata turi varjazzjoni akbar minn 10 % fir-rigward tad-*data* sottomessa għas-sena ta' referenza preċedenti.

Ir-raġunijiet għad-differenza jew il-kawża sottostanti għad-differenzi fil-piż tal-fliexken tax-xorb jew tal-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq jew fil-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb jew fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq.

Varjazzjonijiet fil-piż tal-fliexken tax-xorb jew tal-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq	Varjazzjoni (%)	Raġuni ewlenija għall-varjazzjoni

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

Varjazzjonijiet fil-piż tal-plastik riċiklat użat fil-fliexken tax-xorb jew fil-fliexken tal-PET imqegħdin fis-suq	Varjazzjoni (%)	Raġuni ewlenija għall-varjazzjoni

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)

5. **Kunfidenzjalità**

Raġunijiet għat-talba biex ma tiġix ippubblikata d-*data* rrappurtata jew ċerta informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport, flimkien ma' lista tal-partijiet speċifiċi li għalihom saret talba biex ma jiġux ippubblikati.

(Żid ir-ringieli skont il-bżonn)